MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2009

Avviz Numru. 666/2004

**Pietra Limited**

**Vs**

**Kenneth Tanti**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avviz pprezentat mis-socjeta attrici nhar l-hamsa w ghoxrin (25) ta' Novembru 2004 fir-Registru ta' din il-Qorti fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha is-somma t'elfejn sebgha mija u disgha liri maltin u tnejn w ghoxrin centezmu (LM2,709.22) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xoghlijiet esegwiti mis-socjeta attrici fil-fond numru 2, Alley 1, Triq tas-Salvatur, Qrendi fuq inkarigu tieghu.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Ittra Interpellatorja datata tletin (30) ta' Jannar 2004 kif ukoll tal-Ittra Ufficcjali datata disgha (9) ta' Marzu 2004 bl-imghax kummercjali mit-tlieta (3) t'Ottubru 2003 (data tal-ahhar pagament) sad-data tal-

effettiv pagament kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota t'eccezzjonijiet tal-konvenut Kenneth Tanti fejn ecepixxa is-segwenti:-

1. Illi preliminarjament kif ser jirrizulta mill-provi, li l-esponenti ma kellu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici peress li l-kuntratt sar bejn is-socjeta attrici u certa Maryanne Caruana.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, jekk jirrizulta li kien hemm sub appalt mill-konvenut lis-socjeta, ix-xoghol sar mis-socjeta attrici hazin, mhux skond l-arti u s-sengha u totalment inaccettabli, tant li l-imsemmija klijenta Marianne Caruana m'accettatx ix-xoghol u ma hallsitx parti sostanzjali mill-ammont dovut, ghalhekk it-talba attrici ma tistax tintlaqa'.

Rat id-digriet taghha tat-tmintax (18) ta' Frar 205 (fol. 8) fejn innominat lil Perit Tekniku Godwin Abela u l-verbal tas-sbatax (17) t'April 2008 (fol. 37) meta l-istess Perit Tekniku halef ir-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok. GA.

**Marco Camilleri**, Direttur tas-socjeta attrici xehed fit-tlieta (3) ta' Mejju 2005 u stqarr li lill-konvenut ma kienx jafu izda darba minnhom kien avvicinah sabiex jghamillu xi xoghol gewwa il-Qrendi, go post antik. Qal li kien ftiehem mal-konvenut sabiex jiltaqghu fuq il-post sabiex jaraw x'kellu isir. Jghid li l-konvenut kien inkarigat mix-xoghol li kellu isir fil-post ghalkemm il-post ma kienx tieghu. Lil sid il-post huwa ma kienx jafu. Huwa ghalhekk kien tah kwotazzjoni, li kopja taghha giet esibita bhala Dok. MC 1 u l-konvenut qabel maghha tant li ffirmaha u permezz ta' fax, baghat lura l-accettazzjoni tieghu li kopja taghha giet esebita w immarkata bhala Dok. MC 2. Jghid li waqt li kien ghaddej bix-xoghol, il-konvenut ziedlu xi xoghlijiet u dan skond tlett kwotazjonijiet ohra li kopja taghhom jew esebiti bhala Dok. MC 3, MC 4 u MC 5. Jghid li waqt li kien ghaddej bix-xoghol, l-konvenut ghamel diversi pagamenti skond skeda li kopja taghha hija esebita bhala Dok. MC 6.

Jispjega li waqt li huwa kien qed jahdem, l-konvenut fuq il-post mar biss darbtejn w huwa kien icempillu sabiex jara jekk ix-xoghol jghogbux. Jghid li x-xoghol kien isir taht id-direzzjoni ta' Joseph camilleri w impjegati fuq il-lok kien hemm bejn tnejn u erbgha kuljum. Apparti dan, kellu *sub contractors* fosthom benneja, *electrician* u mastrudaxxa. Jghid li l-konvenut kien jaf bihom. Il-lista tal-haddiema tieghu tidher fuq l-iskeda li kopja taghha huwa esebixxa bhala Dok. MC 7.

Jikkonferma li x-xoghol kien lest fl-erbgha (4) ta' Lulju 2003 u mar fuq il-post flimkien mal-konvenut sabiex jara jekk kienx ghad jonqos xi haga u f'dik l-okkazjoni, l-konvenut verbalment accetta kull ma kien sar. Jghid pero li wara xaghrejn, il-konvenut kien cempillu u qallu li kien ghad fadal xi affarijiet, tant li kien tah *snag list* li pero kopja taghha ma kellux aktar. Jghid li fl-erbgha (4) ta' Settembru 2003, huwa mar flimkien mieghu u xi haddiema iehor u daru is-*snag list*. Jghid li damu gurnata shiha fuq il-post u flimkien mas-sid, daru kull haga li kien hemm fuq is-*snag list* u s-sid kien kuntent b'dak li kien hemm. Wara din l-okkazzjoni li huwa beda jikteb lil konvenut sabiex ihallsu ta' dak li kien ghad fadal u fil-fatt baghtlu zewg pagamenti ohra kif jidher indikat fid-Dok. MC 6. Huwa kompla jippressa lil konvenut sabiex ihallsu u dan qallu li sid il-post ma kienx hallsu, kif jidher fid-Dok. MC 8. Huwa esebixxa wkoll skambjament ta' korrispondenza li kien hemm bejn l-avukati rispettivi tal-partijiet bhala Dok. MC 9 sa MC 18. Huwa cempel lil sid il-post u din qaltlu li hi ma kellhiex x'taqsam mieghu. Huwa baqa' jippressa lil konvenut u wara li baghtlu Ittra Ufficcjali, huwa rcieva zewg ittri datati tnejn w ghoxrin (22) ta' Marzu 2004 u l-ewwel (1) t'April 2004 fejn beda jallega ghall-ewwel darba li x-xoghlijiet mhux tajba. Huwa esebixxa kopja ta' dawn l-ittri bhala Dok. MC 19 u MC 20 u wara dan huwa fetah il-kawza odjerna.

**Joseph Camilleri** prodott mis-socjeta attrici xehed nhar it-tlieta w ghoxrin (23) ta' Gunju 2005 u stqarr li xoghlu kien ta' *supervisor* mas-socjeta attrici u ghal nofs Jannar 2004, kien involut f'xoghlijiet f'post il-Qrendi li fil-bidu kien

*sandblasting*, imbaghad wara kien xoghol ta' *finishing*. Jghid li x-xoghol sar skond l-istruzzjonijiet moghtija minn Marco Camilleri. Spjega li lill-konvenut rah biss darba fuq il-post, wara li kien spicca mis-*sandblasting* u darb'ohra meta kienu waslu fi stadju tal-*finishing*, meta kienu qed jaraw is-*snag list*. Jghid li l-ahhar gurnata li dahlu fid-dar, kien l-erbgha (4) ta' Settembru 2004. Qal li kienu spiccaw mix-xoghol fix-xahar ta' Lulju, izda regghu dahlu fil-post fix-xahar ta' Settembru ta' l-istess sena. Ikkonferma li minn naha tal-klijent, ma kellhomx ilmenti dwar ix-xoghol li ghamlu.

**Kenneth Tanti,** il-konvenut xehed nhar l-erbatax (14) t'Ottubru 2005 fejn spjega li huwa *interior designer* u jaghti idejat lin-nies dwar *interiors*, kuluri u materjali u johrog ukoll xi pjanti. Jghid li f'dan il-kaz, il-klijenta tieghu kienet Maryanne Caruana mill-Qrendi u hija kienet inkarigatu sabiex johorgilha *designs* fuq il-*farmhose* taghha fil-Qrendi. Huwa kien inkarigat mix-xoghlijiet kollha dwar *interiors*. Meta lest id-*designs*, il-klijenta staqsietu jekk setghax isibilha minn jghamel ix-xoghlijiet u huwa kkuntatja lis-socjeta attici biex tohroglu stimi fuq ix-xoghol li kellu isir. Huwa mar flimkien ma Marco Camilleri fuq il-post u tkellmu sabiex jaraw x-xoghlijiet li kellhom bzonn isiru sabiex hu jkun jista jahdem fuq il-kwotazzjonijiet biex eventwalment, jipprezenthom lil Maryanne Caruana. Jghid li wara li kien ircieva l-kwotazzjonijiet minghand is-socjeta attrici, baghat ghall-klijenta tieghu Maryanne Caruana l-ufficcju tieghu u spjegahomlha. Huwa esebixxa hames dokumenti bhala Dok. KT 1 sa KT 5 li huma l-*quotations* mahruga mis-socjeta attrici li huwa sussegwentement wera' lis-Maryanne Caruana ghall-approvazzjoni taghha.

Wara huwa kien iltaqa' fuq il-post mal-impjegati tas-socjeta attrici u spjegalhom x'kellu isir. Huwa kien jaghti l-istruzzjonijiet lil haddiema direttament u huwa u Marco kienu jcemplu lil xulxin sabiex izommu *up dated* b'dak li kien ghaddej u dan baqa' ghaddej sakemm ix-xoghol tlesta. Ikkonferma li wara li tlestew ix-xoghlijiet, hu ltaqa ma Marco Camilleri fuq il-post sabiex iduruh flimkien biex jaraw x'kien ghad fadal li jsir. Qal ukoll li sadantitant, kellu

jiltaqa' ukoll ma Maryanne Caruana sabiex juriha x-xoghol u flimkien daru l-post. Qal li Maryanne Caruana bdiet tikteb *snag list* waqt li kienu fuq il-post biex imbaghad huma jkunu jistghu jirrangaw l-affarijiet li kienet immarkat. Huwa esebixxa kopja tal-i*snag list* li ghamlet Maryanne Caruana li bhala Dok. KT 6 u qalilha li kien ser ighaddi din il-lista lil Marco Camilleri. Qal li f'din il-lista, kien hemm indikat diversi nuqqasijiet w ghalhekk ippresentha lil Marco Camilleri sabiex jirranghom.

Fix-xhieda tieghu tat-tnejn w ghoxrin (22) ta' Novembru 2005, l-konvenut ighid li appena taha is-*snag list* lil Marco Camilleri, dan beda jahdem fuqha mmedjatament. Qal li Maryanne Caruana kienet tkun aktar prezenti fuq il-post u fil-fatt ic-cekk li hija tat lilu, huwa ghaddih lil Marco Camileri minnufih bhala *part payment* iehor. Qal li mbaghad Maryanne Caruana riedet xi affarijiet ohra xi jsiru u meta ikuntattjha sabiex thallas ghas-saldu dak dovut, qaltlu li ma kienitx srr tghamel hekk, ghalhekk riedet li l-affarijiet isiru kollha. Meta mistoqsi x'kienu dawn l-affarijiet, il-konvenut ighid li ma kienx jaf, ghaliex kien qata' kull kuntatt li kellu maghha. Huwa ghalhekk kitbilha permezz tal-avukat tieghu kif jirizulta minn kopja ta' dokument li huwa esebit fl-atti bhala Dok. KT 7 sabiex f'kaz li thallas, huwa seta' jhallas lill-atturi.

Wara cemplilha u din qaltlu li x-xoghol ma sarx b'mod professjonali u l-hsara li kien hemm, kienet irreversibbli. Huwa esebixxa ir-rapport li kienet hejjiet il-Perit Marie Louise Musumeci dwar dak li kienet ikkonstatata meta marret fuq il-post bhala Dok. KT 8.

Qal li 'n segwitu, Marco Camilleri kompla jitolbu sabiex jeffettwa l-hlas u huwa ma rax li kellu jhallas, peress li skond Maryanne Caruana, ix-xoghol ma sarx skond is-sengha w l-arti u huwa baqa' ma thallasx minghandha tax-xoghol li ghamel. Qal li huwa kellu laqa' ma Maryanne Caruana u l-avukat taghha u dawn qalulu li l-bilanc li fadal mhux bizzejjed sabiex tirrimedja il-hsara li hemm.

In kontr'esami nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta' Marzu 2006 ikkonferma li hu biss kellu kuntatt ma Maryanne Caruana

u kien biss wara li nqalghu l-problemi, li Maryanne Caruana ltaqghet ma Marco Camilleri fuq il-post u dan bil-ghan li ssir *snag list*. Ikkonerma li pagamenti lis-socjeta attrici ghaddietilhom hi w ikkonfermat li d-Dok. MC 6 jindika il-modailta tal-pagament li sar.

Illi nhar il-wiehed w ghoxrin (21) t'April 2006, l-perit tekniku zamm access fil-fond Numru 2, Triq is-Salvatur, Qrendi u dan fil-presenza ta' Marco Camilleri ghall-attur, il-konvenut u Maryanne Caruana. Hemmhekk fuq il-post l-perit innota diversi nuqqasijiet kif miktuba fil-verbal tal-access. Huwa ha ukoll numru ta' ritratti dwar l-ilmenti msemmija.

**Maryanne Caruana** prodotta mill-konvenut xehdet nhar id-disgha (9) ta' Frar 2007 fejn ikkonfermat li ma halsitx l-ahhar kont tas-socjeta attrici ghaliex fil-fehma taghha, x-xoghol ma sarx kif suppost. Qalet li s-socjeta attrici giet prezentata lilha mill-konvenut u hija taghthom l-ordni biex jaghmlu x-xoghlijiet. Hija nkarigat lil Perit Marie Louise Musumeci sabiex thejji rapport dwar in-natura tax-xoghlijiet li saru fil-proprjeta taghha u fil-fatt gharfet kopja tieghu esebit fl-atti bhala Dok. KT 8. Ikkonfermat li verament sakemm bdew u spiccaw ix-xoghol l-atturi, hija fuq il-post marret darba, izda kien ghalhekk li kienet inkarigat lill-konvenut sabiex jiehu hsieb hu.

Qalet li meta marret tghix fil-post innotat li kien hemm hafna affarijiet li ma kienux kif suppost sabet diversi nuqqasijiet kif deskritti minnha fix-xhieda taghha. Hija esebiet sett ritratti bil-kulur, li jindikaw l-ilmenti taghha fejn kienu koncentrati bhala Dok. MC 1.

Qalet li hija sabet lil haddiehor sabiex komplilha x-xoghol w irrangalha l-hsarat li kien hemm. Ikkonfermat li ma kienitx qabbdet perit sabiex jissorvelja ix-xoghol, qabbdet biss lill-konvenut flimkien mas-socjeta attrici. Qalet li hija saret taf bis-socjeta attrici tramite l-konvenut. Ikkonfermat li sakemm tiftakar hi waqt li kien ghaddej ix-xoghol lil Marco Camilleri ma ratux. Qalet ukoll li l-pagamenti kienet tghaddihom direttament lill-konvenut.

Il-**Perit Marie Louise Musumeci** xehdet nhar l-erbatax (14) ta’ Mejju 2007 w ikkonfermat ir-rapport esebit fl-atti mahrug minnha u markat bhala Dok. KT 8 u qalet li ma kellha xejn x’izzid mal-kontenut tieghu. Mistoqsija jekk Marco Camilleri kienx prezenti meta ghamlet l-ispezzjoni taghha, hija wiegbet fin-negattiv.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Godwin Abela fejn ikkonkluda li effettivament huwa minnu li jesistu diversi difetti fix-xoghlijiet li saru kemm dawk elenkati mill-Perit Marie Louise Musumeci, kif ukoll ohrajn imsemmija minnu fil-paragrafu (J) tal-relazzjoni teighu. Jghid li fil-fehma tieghu, l-ispiza konnessa max-xoghlijiet rimedjali, biex jitrangaw d-difetti msemmija, hija konsiderevoli peress li certi materjali jridu jinbidlu kompletament u certu xoghlijiet iridu jsiru mill-gdid, u certament l-ammont ser ikun ferm akbar mill-bilanc dovut lis-socjeta attrici mill-konvenut.

Rat it-talba tal-konvenut sabiex jeskuti l-perit tekniku kif verbalizzata fis-seduta tal-erbatax (14) ta’ Mejju 2008.

Rat in-nota tas-socjeta attrici li permezz taghha huwa esebixxa lista ta’ domandi lil perit teknku sabiex dawn jigu risposti minnu fl-eskussjoni.

Rat ir-risposta tal-perit tekniku kif moghtija minnu bil-miktub taht gurament fis-seduta tal-wiehed w ghoxrin (21) t’Ottubru 2008. Huwa, fost affarijiet ohra, kkonferma li l-fond huwa wiehed antik u ma gie konstatat ebda qatran taht il-hitan u seta jkun li l-gebel f’hitan hoxnin kienu jitqieghdu anke bil-hamrija. Il-fond qabel seta’ kien razzett. Mistoqsi kif wasal ghas-somma t’elfejn sebgha mija u disgha liri maltin u tnejn w ghoxrin centezmu (LM2,709.22), ighid li wasal ghaliha wara li ra l-ammont totali tax-xoghlijiet kif iffatturati mis-socjeta attrici (LM9,809.22) u naqqas l-ammont li gie mhallas u cioe LM7,100. Ikkonferma wkoll li l-pagamenti kollha li saru ‘n konessjoni ma dan il-kaz lis-socjeta attrici saru minn Kenneth Tanti. Ma jirrizultalux li s-sid ghamel xi pagamenti diretti lis-socjeta attrici.

Rat in-nota t'osservazzjonijiet tas-socjeta attrici li gietipprezentata fis-Registru ta' din il-Qorti nhar it-tmienja (8) ta' Jannar 2009 (fol. 60).

Rat in-nota responsiva ta' Kenneth Tanti pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-tmienja w ghoxrin (28) ta' Jannar 2009.

Ikkunsidrat:-

Illi 'n breve, dak li jirrizulta mill-provi prodotti huwa li certa Maryanne Cauruana kienet qabbdet lill-konvenut sabiex jiehu hsieb xi xoghlijiet li kellhom isiru gewwa proprjeta li hija ghandha gewwa il-Qrendi. Jirrizulta li l-konvenut minn naha tieghu, kien tkellem mas-socjeta attrici w inkarigha b'appalt sabiex l-istess socjeta attrici taghmel ix-xoghol li fil-fehma tieghu, kien hemm bzonn li jsiru.

Il-konvenut ighid li kien introduca lid-dirigenti tas-socjeta attrici lil Maryanne Caruana u din kienet accettat il-kwotazzjonijiet li s-socjeta attrici kienet baghtet lill-konvenut. In segwitu, jirrizulta wkoll li l-konvenut kien imur jara ix-xoghol li kien qed isir w ighamilha ta' *supervisor*, filwaqt li Maryanne Caruana marret biss darbtejn tul il-medda ta' zmien kollu li kien ghaddej ix-xoghol. Maryanne Caruana qalet li hija qatt ma tkellmet mas-socjeta attrici waqt li kienu qed jahdmu fil-proprjeta taghha u r-relazzjoni taghha kienet biss mal-konvenut. Maryanne Caruana qalet ukoll li hija hallset lill-konvenut meta dan ipprezentalha kontijiet.

Il-perit tekniku wkoll jikkonferma dan il-fatt meta, waqt l-eskussjoni tieghu jghid li ma jirrizultalux li Maryanne Caruana qatt hallset lis-socjeta attrici.

Minn ezami tad-dokumenti, jirrizulta wkoll li s-socjeta attrici kienet tikteb u tinnegozja direttament mal-konvenut u kien il-konvenut li kien jitkellem ma Maryanne Caruana.

Minn imkien ma jirrizulta li effettivament kien hemm xi relazzjoni diretta bejniethom.

Il-konvenut ma jikkontestax l-ammont mitlub mis-socjeta attrici, izda ighid li dawn huma dovuti minn Maryanne Caruana ghaliex huwa m'ghandux relazzjoni guridika mas-socjeta attrici.

Illi ghalhekk, hija din l-eccezzjoni li ghandha tigi l-ewwel trattata, stante li din taffettwa l-mertu tal-kawza, jekk una volta, tigi milqugha.

Illi minn ezami tax-xhieda prodotta jirrizulta li l-konvenut kellu relazzjoni kontrattwali mas-socjeta attrici tant li kien hu li kien imur fil-fond fejn kienu qed isiru t-tiswijiet u jissorvelja dak li kien qed isir. Huwa ighid li kien fl-ahhar meta akkumpanja lil sid il-fond fil-post sabiex issir *snag list* ta' dak li kellu jsir. Qatt ma jghid li kien jara lis-sid fuq il-post. Fil-fatt Marco Camilleri, li hadem fuq il-post, jghid li lil Maryanne Caruana raha biss dabtejn fuq il-post u din qatt ma taghtu xi struzzjonijiet. Jghid li huwa kien jiehu l-istruzzjonijiet minghand Kenneth Tanti biss.

Illi semmai, l-konvenut messu talab il-kjamat in kawza ta' Maryanne Caruana jekk hass li huwa ma hallasx lill-attri ghaliex hija naqset li thallas lilu.

Illi fil-fatt, r-relazzjoni li l-istess socjeta' konvenuta kellha jew setgha kellha, mal-kjamat fil-kawza, hija wahda *ex delictu* u certament ma tinkwadrax ruhha f'din l-azzjoni, apparti li hija ghal kollox estraneja ghas-sitwazzjoni tas-socjeta' attrici, u dan anke ghaliex, kif gie ritenut fis-sentenza **Carmelo Mamo vs Brian Abela nomine** (A.C. 4 ta' Frar 2000):-

*"Dan iwassal ghall-konkluzzjoni, li l-istitut tal-kjamata fil-kawza hu intiz 'per integrare il procedimento coll'aggiunta di un individuo che si riconosce avere interesse nello stesso' (**"Zahra vs Scicluna"** - Q.K.21ta' Jannar 1919).*

Imma dan ma sarx w ghalhekk, ir-relazzjoni li ghandu il-konvenut ma Maryanne Caruana f'dan l-istadju, huwa mholli mpegudikat.

Illi ghalhekk, l-ewwel eccezjoni tal-konvenut qed tigi respinta.

Illi dwar il-mertu, l-konvenut qed ighid li kien hemm sub appalt mill-konvenut lis-socjeta attrici u peress li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti, huwa m'ghandu jaghti xejn oltre dak li diga hallas. Jghid ukoll, fit-tieni eccezzjoni tieghu, li l-klijenta tieghu Maryanne Caruana, lanqas biss hallsitu tax-xoghol kollu li ghamlilha.

M'hemmx dubbju li s-socjeta attrici kienet hadet l-appalt minghand l-konvent u sabiex jesegwixxi ix-xoghol skond is-sengha u l-arti. Illi l-konvenuti, minn naha taghhom, fin-nota responsiva jghidu li s-socjeta attrici hija responsabbli ghax-xoghol hazin li sar minhabba l-principju baziku f'materja ta' kuntratti t'appalt, li l-appaltatur ghandu jiggarantixxi l-bonta ta' xoghlu u jaghti lill-appaltatur opera sodisfacenti (vide **Victor Tabone vs Felix Mifsud** deciza nhar il-hamsa (5) t'Ottubru 1994 mill-Qorti tal-Appell u **Antonio Pisani vs Carmelo Debatista** deciza nhar t-tmienja (8) ta' Mejju 1958 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili).

Illi mill-povi prodotti jirrizulta li huwa minnu li s-socjeta attrici naqset mid-doveri taghha kif spjegat il-Perit Marie Louise Musumeci u sussegwentement il-Perit Tekniku Godwin Abela w ghalhekk, ghandha tinzamm responsabbli ghal dak kollu li rrizulta.

Fil-fatt fis-sentenza **Mario Blackman vs Carmelo Farrugia et noe** deciza mill-Qorti Kummercjali nhar is-sebgha w ghoxrin (27) ta' Marzu 1972 jinghad li l-appaltatur ghandu l-obbligu li jara li x-xoghol li jkun sejjer isir, isir utilment u mhux b'mod li 'l-quddiem juri difetti. Jinghad li f'kaz bhal dan, hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx x-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigru 'l quddiem. Dan ghaliex id-difett fl-esekuzzjoni tal-appalt, ma jrendix lill-appaltaur inadempjenti, imma jaghti biss d-dritt lill-appaltant li jitlob li dawk d-difetti jigu riparati meta d-difetti ma jkunux sostanzjali. (***Vol. XXX p 111 p 440).***

Il-Qorti hija sodisfatta mill-provi prodotti, li hija s-socjeta attrici li ghandha tinzamm responsabbli ghax-xoghol hazin li sar fil-fond.

Illi fuq dan il-punt tekniku, l-Qorti nnominat lil Perit Tekniku Godwin Abela u dan irrelata u stqarr li verament ix-xoghol ma kienx skond is-sengha w l-arti u fil-fatt ikkonkluda li d-danni sofferti minn Maryanne Caruana jeccedu l-ammont ta' flus li qed jigu reklamati fir-rikors promotur.

Illi huwa minnu kif intqal fis-sentenza **Spiteri Tiles Ltd vs Raymond Borg (**P.A. RCP 28 ta' Frar 2002**)** li

"*… huwa sintomatiku ghalhekk li fid-dawl ta' dan kollu, li jinghad li ghalkemm il-Qorti ma hiex tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha nnifisha, kif fil-fatt huwa dettat mill-**artikolu 681 tal-Kap 12**, jibqa' jippersisti l-fatt li tali konkluzjoni peritali, specjalment fuq natura purament teknika, dan il-Qorti ma tistax taghmlu b'mod legger jew kappriccuz. Il-konvinzjoni kontrarja taghha, kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta' aspett tekniku tal-materja taht ezami."*(**Philip Grima vs Carmelo Mamo –** A.C 29 ta' Mejju 1998; **Anthony Cauchi vs Carmel Mercieca** – A.C. 6 ta' Ottubru 1999; **John Saliba vs Joseph Farugia** A.C. 28 ta' Jannar 2000; **Sammy Tabone vs Carmel Tabone et** – A.C. 5 ta' Ottubru 2001).

Illi dawn is-sentenza huma bbazati wkoll fuq dak li ntqal fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet **Giswarda Bugeja et vs Emmanuele Muscat et** (A.C. 23 ta' Gunju 1967 – Vol. L i 390) fejn intqal li:-

*"Ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabli mill-gudikant bhal kull prova ohra, b'danakollu, l-giudizio dell'arte espress mill-perit tekniku ma jistghax u m'ghandux aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta lilha moghtija b'talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali jigi skartat facilment ammenoche ma jkunx jidher sodisfacentement li l-konkuzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi irragonevoli."*

Illi mill-provi prodotti mill-partijiet jirrizulta ghas-sodisfazzjoni tal-perit tekniku, li ghalhekk l-konvenut m'ghandux ihallas l-ammont mitlub stante li d-danni li gew kagunati mill-attur, jeccedu l-ammont ta' flus li qed jigu reklamati.

Illi fuq kwistjoni teknika, l-Qorti ma thossx li ghandha tiddisturba d-deskrizzjoni tal-espert. Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet imsemmija w iddentifikati mill-Perit fir-rapport tieghu, dan l-ammont mitlub mis-socjeta attrici mhux dovut.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti, qieghda filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, qieghda tilqa t-tieni eccezzjoni u b'hekk qieghda tichad it-talba attrici.**

**Bl-ispejjez tal-prezenti kontra is-socjeta attrici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------